PARLAMENT EWROPEW

*2004* *2009*

12.1.2009 0001/2009

# DIKJARAZZJONI BIL-MIKTUB

imressqa skond l-Artikolu 116 tar-Regoli ta' Proċedura

minn Katerina Batzeli, Michael Cramer, Silvana Koch-Mehrin, Janusz Lewandowski y Janusz Wojciechowski

dwar l-appoġġ għall-Olimpijadi Speċjali fl-Unjoni Ewropea

Data ta' skadenza: 14.4.2009

**0001/2009**

**Dikjarazzjoni bil-miktub dwar dwar l-appoġġ għall-Olimpijadi Speċjali fl-Unjoni Ewropea**

*Il-Parlament Ewropew,*

– wara li ikkunsidra l-Artikolu 116 tar-Regoli ta' Proċedura tiegħu,

A. filwaqt li l-Olimpijadi Speċjali fl-Ewropa jagħtu opportunitajiet sportivi u soċjali lill-adulti u lit-tfal b'diżabilitajiet intellettwali,

B. filwaqt li l-programmi tal-Olimpijadi Speċjali ġew stabiliti f'kull Stat Membru tal-UE, bis-sehem ta' nofs miljun atleta,

C. filwaqt li l-Olimpijadi Speċjali jimplimentaw il-politika tal-UE ta' kuljum, billi jippromwovu l-isport u l-volontarjat fuq kull naħa tal-fruntieri, billi jfarrku l-isterjotipi dwar id-diżabilità, permezz tal- provvediment tas- saħħa pubblika u billi jinkludi nies marġinalizzati f'attivitajiet soċjali,

D. filwaqt li l-Olimpijadi Speċjali fl-Ewropa se jkunu qed jospitaw żewġ avvenimenti importanti: fl-2010 l-Logħob tas-Sajf tal-Olimpijadi Speċjali Ewropej se jkunu qed isiru f'Varsavja, il-Polonja, u fl-2011, il-Logħob tas-Sajf tal-Olimpijadi Speċjali Dinjin se jkunu qed isiru f'Ateni, il-Greċja,

E. filwaqt li l-UE appoġġjat finanzjarjament il-Logħob tas-Sajf tal-Olimpijadi Speċjali Dinjin fl-Irlanda li saru fl-2003,

1. Jikkunsidra li l-għoti tas-servizzi tal-Olimpijadi Speċjali f'livelli lokali, nazzjonali u internazzjonali jirrikjedi finanzjament sinifikattiv;

2. Jinnota li l-Olimpijadi Speċjali tal-Ewropa qed ifittxu assistenza finanzjarja mill-Kummissjoni Ewropea biex jgħinu fl-iffinanzjar tal-Logħob Ewropew f'Varsavja fl-2010 u l-Logħob Dinji f'Ateni fl-2011;

3. Jirrikonoxxi l-benefiċċji għall-atleti, il-familji u l-komunità aktar wiesgħa li se joħorġu minn dawn l-avvenimenti li jkunu qed isiru fl-Ewropa;

4. Jistieden lill-Kummissjoni Ewropea tappoġġja l-logħob ta' Varsavja fl-2010 u ta' Ateni fl-2011;

5. Jagħti istruzzjonijiet lill-President tiegħu biex iressaq din id-dikjarazzjoni, flimkien mal-ismijiet tal-firmatarji, lill-Kunsill, lill-Kummissjoni u lill-Parlamenti tal-Istati Membri.